## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

### (Każ COMP/M.6611 – Arla/Milk Link)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 247/05)

1. Fit-9 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Arla Foods amba ("Arla", id-Danimarka) jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża Milk Link Limited ("Milk Link", ir-Renju Unit) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Arla: kooperattiva tal-ħalib, proprjetà ta' bdiewa tal-ħalib Żvediżi, Daniżi u Ġermaniżi, il-kumpanija hija attiva mad-dinja kollha fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' varjetà ta' prodotti tal-ħalib,

— għall-impriża Milk Link: kooperattiva ta' bdiewa Brittanniċi, Milk Link hija attiva fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' varjetà ta' prodotti tal-ħalib, bħal ġobon, ħalib li jżomm fit-tul u butir.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6611 – Arla/Milk Link, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").